MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2137/2002

**Robert Aguis**

**Vs**

**It-Torri Interiors Limited et**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fi-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru 2002 fejn 1-attur talab sabiex is-socjeta` konvenuta thallas 1-ammont ta' Lm575 (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin) rapprezentanti ta' servizzi professjonali resi mill-attur lis-socjeta' konvenuta.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin lira (Lm575) rapprezentanti drittijiet ghal servizzi professjonali resi mill-attur lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-interessi mill-1 ta’ Ottubru 2001 data tal-fattura, il-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn inghad li:-
Li s-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra d-digriet tal-20 ta’ Frar 2002 fejn gew kjamati fil-kawza Boris Arcidiacono personalment u s-socjeta` Arcidiacono Ltd.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza fejn inghad li:-
Li t-talba attrici, in kwantu intavolata fil-konfront tal-kjamat in kawza Boris Arcidiacono u Arcidiacono Ltd, hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi huma m’ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mal-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-attur qed jitlob il-pagament ta’ servizzi professjonali rezi lis-socjeta` konvenuta. In vista tax-xhieda tad-dirretur, gew kjamati fil-kawza Boris Arcidiacono personali u Arcidiacono Ltd. Dana aktar u aktar in vista tal-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ relazzjoni guridika. Huwa relevanti li din l-eccezzjoni giet sollevata, anke l-unika wahda, anke mill-kjamati fil-kawza.

Illi nuqqas ta’ prestazzjoni tal-allegati servizzi giet indikata per ‘via discorrendo’ minn Boris Arcidiacono waqt ix-xjhieda tieghu. Pero` ix-xhieda eventwalment prodotti in vista tas-sosten tieghu – ossia Arthur Muscat u Julian Sant Fournier ikkonfermaw li verament u effettivament l-attur ippresta s-servizzi minnu allegati. Ix-xhieda tieghu giet skjantata ghall-ahhar minnhom.

Illi anke mill-lat ta’ ekwita, il-konvenut ma ghandhux joqghod japprofitta taht il-kappa ta’ rapprezentanza ossia

jew personali jew ta’ xi socjeta` minn tieghu. Ghandhu jigi skjarit ‘ab initio’ ma min lil min ser jigu prestati s-servizzi biex proceduri simili ma jirrikorux.

Jiddiciedi billi, jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` tal-konvenuta, tal-kjamati fil-kawza, jilqa` t-talba attrici, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta u lil kjamati fil-kawza ihallsu in solidum bejniethom is-somma ta’ hames mija seba` u hamsin Lira (Lm575) bl-ispejjez u interessi kif mitluba kontra l-istess socjeta` konvenuta u kjamati fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------